**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-24 ta' Settembru 2019**

**Rikors Numru 223/2018 SG**

**Wara l-atti tal-ittra uffiċjali 1683/2018 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**

**Vs**

**Victor Borg (K.I. 187554M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 2 ta' Ottubru 2018 li permezz tiegħu, ir-rikorrenti Victor Borg ippremetta:-

*"Illi l-esponenti qieghed jipprezenta dana r-rikors ai fini ta' l-artikolu 466 tal-kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ( Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'*

*Malta) wara li gie notifikat bl-ittra ufficjali suriferita li permezz taghha is-socjeta' attrici interpellat lill-esponenti sabiex ihallas s-somma ta' disa' t' elef, mija u erba' u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (EUR 9,134.67) rapprezentanti ta' bilanc dovut lis-socjeta' ARMS Limited bhala servizzi provduti mis-socjeta' ARMS Ltd.*

1. *Illi preliminarjament jinghad li t-talba ghall-hlas kif dedotta fl-ittra ufficjali datata nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena kurrenti minn ARMS Ltd hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ammont dovut mir-rikorrenti b' dan illi ma thallew ebda hlasijiet pendenti u ghalhekk l-ammont reklamat qieghed jigi kkontestat;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi s-socjeta' ARMS Ltd ma specifikatx ghal-liema perijodu qieghed jigi ndikat l-konsum imsemmi;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti jittileva illi l-hlas kif mitlub mis-socjeta' attrici huwa milqut mill-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(g) tal-kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li dan ikopri perjodu li jmur oltre minn hames (5) snin u ghalhekk l-ammont reklamat mis-socjeta' ARMS Ltd ma huwiex dovut;*
4. *Illi minghajr pregudizzju, l-imsemmija ittra ufficjali bin-numru 1683/18 hija nulla stante li l-gudizzju mhux integru u l-esponenti ma huwiex legittimu kontradittur in vista tal-fatt li l-appartamenti bin-numri minn wiehed (1) sa hamsa (5) li jinsabu f' 53, Triq San Vincenz, Sliema, nghataw b' subbasta lis-Sur Mario Silvio u lil Gaetano Grima permezz ta' proveduti ta' subbasta numru 155/2006 u dunque kwalunkwe pendenzi dovuti lill-istess socjeta' ghandhom jkunu a karigu tas-sidien il-godda, u l-esponenti ma ghandhux jaghmel tajjeb ghall-ammont reklamat mis-socjeta' attrici.*
5. *Illi ghall-finijiet ta' kjarezza, l-esponenti huwa fi stat ta' falliment u dana kif gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti Prim Awla fis-sentenza fl-ismijiet Victor u Doris konjugi Borg vs X deciza nhar is-sitta u ghoxrin (26) t' April tas-sena elfejn u sittax (2016) mis-Sinjorija taghha l-Imhallef Dr Anna Felice, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok 'A'.*
6. *Illi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza odjerna, l-ammont reklamat mis-socjeta' intimata mhuwiex cert, likwidu u wisq inqas dovut.*
7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kodici Civili ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba ta' ARMS Limited f' isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni*

*ghas-Servizzi tal-Ilma bhala wahda infondata u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jkun jidhirlha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici."*

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited tat-2 ta' Novembru 2018 li taqra hekk:

"*1. Illi preliminarjament l-ittra ufficjali bin-numru 1683/2018 ma gietx kkontestata bil-mod li tehtieg il-ligi u dana ghaliex giet intavolata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk illum is-socjeta' esponenti ghandha titolu ezekuttiv. Dan qieghed jinghad peress li r-rikors gie pprezentat ai fini tal-artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi kif jistipola l-artikolu 166A nnifsu, jekk id-debitur ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija itra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u ghalhekk illum is-socjeta' esponenti ghandha titolu ezekuttiv favur taghha stante li l-ittra giet ikkontestata fuq il-mertu permezz ta' rikors u mhux b' nota.*

*3. Illi di piu' , ir-rikors ma sarx sabiex jattakka t-titolu ezekuttiv abbazi ta' difett fil-forma jew ghaliex id-debitur ma kienx notifikat kif imiss, izda qieghed jikkontesta l-ittra ufficjali fuq il-mertu taghha.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu, is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe hija kreditrici tar-rikorrent fl-ammont kumplessiv ta' dis' t' elef, mija u erbgha u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (EUR 9,134.67) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-imsemmija ittra ufficjali bin-numru 1683/2018 u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrenti;*

*5. Illi nonostante dak eccepit mir-rikorrent, il-kontijiet indikati l-ittra ufficjali 1683/2018 huma kollha intestati f' isem ir-rikorrent u ghalhekk*

*baqa' responsabbli ghall-kontijiet kollha, inkluz ghall-hlas ta' kwalunkwe pendenza akkont.*

*6. Illi l-eccezzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 2156(g) m' hix applikabbli u dana kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Ghaldaqstant b' rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1683/2018 pprezentata ai termini ta' l-artikolu 166A tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, hija konfermata bhala titolu ezekutiv kontra r-rikorrent."*

Semgħet ix-xhieda prodotta.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Victor Borg tal-10 ta' Ġunju 2019.

Rat li minkejja li skada t-terminu mogħti għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' ARMS Ltd, l-istess nota baqgħet qatt ma ġiet ippreżentata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-ewwel żewġ punti mqajjma fir-risposta ta' ARMS Limited.

Jidher li dan ir-rikors ġie ppreżentata wara li Victor Borg irċieva ittra uffiċjali datata 14 ta' Settembru 2018, kopja informali ta' liema ġiet eżebita bħala Dok RB1 fis-seduta

tad-9 ta' Mejju 2019. Minn qari ta' din l-ittra ufficjali u anke mix-xhieda mogħtija minn Rueben Bonnici fl-istess seduta, jirriżulta li din intbagħtet ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

L-Artikolu 166A tal-Kap 12 jaqra li:

*(1) F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro(€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minnżmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu liġejjin:*

*Iżda meta d-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jimxiskont dan l-artikolu jekk huwa jillimita d-dejn tiegħu għal ammontli ma jeċċedix ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u jirrinunzja espressament għal kull parti mit-talba tiegħu li tista' meta tiġilikwidata teċċedi dik is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro(€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minnżmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru:*

*Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolubiss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jewpersuna inkapaċitata skont il-liġi u jekk id-dejn ma jkunx dovutminn ereditadded ġjaċenti. Il-ħatra ta' kuraturi skont it-Titolu XI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal proċeduriskont dan l-artikolu:Kap. 104.Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanzadwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' TerziPersuni, meta dejn illi għalih ikun japplika dan l-artikolu jkunkopert b'polza ta' assigurazzjoni, l-assigurat għandu, bla ħsara għaldak stipulat fil-polza ta' assigurazzjoni, fi żmien ħmistax-il ġurnatamindu jiġi notifikat b'ittra uffiċjali magħmula skont dan l-artikolujavża bil-miktub lill-assigurazzjoni b'dik l-ittra uffiċjali u jagħtihadawk id-dettalji dwar it-talba illi huwa jkun jaf bihom. Fin-nuqqas,kull titolu eżekuttiv li jinkiseb skont dan l-artikolu ma jkollu l-ebdaeffett fir-rigward tal-assiguratur.*

*(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illigħandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbligħall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġikonfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistraturjew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa lijagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħali jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata*

*lid-debitur fejngħandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni lifuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba:Iżda ma jistax isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli(3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmijaittra uffiċjali.*

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:*

*Iżda:*

*(a) d-debitur jista' fl-istess nota jammetti t-talba f'partiminnha biss u jopponiha f'partijiet oħra, u meta t-talbatkun opposta f'xi parti minnha biss din titqies bħala litkun ġiet ammessa sal-limitu li din ma tkunx ġietopposta;*

*(b) meta d-debitur ikun oppona talba jew xi parti minntalba li tiġi sussegwentement milqugħa, l-ispejjeż relattivi għat-talba jew parti minnhom li tkun ġietopposta u sussegwentement milqugħa għandhom jiġumħallsa mid-debitur;*

*(ċ) l-ispejjeż ta' kull talba jew parti minnha li tkun ġietopposta u mhux sussegwentement milqugħa għandhomdejjem jitħallsu mill-kreditur;*

*(d) meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistaxterġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istesstalba li jkun hemm fl-ittra ufficjali notifikata lid-debitur; u*

*(e) meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta'Terzi Persuni, dik l-ittra uffiċjali għandha taħt pienata' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoniawtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt danl-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.*

*(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jumminn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjaligħandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-partifiha hekk mhux opposta, tkun*

*tikkostitwixxi titolu eżekuttivbħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġ ippreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fiżmien ġimgħatejn.*

*(6) Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikamentprovdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġjew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu jew il-ħlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgħ b'irkantli jsir konformement ma' dan.*

*(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, metaittra uffiċjali ppreżentata skont dan l-artikolu ma tiġix notifikatafuq id-debitur f'sitt xhur minn meta l-istess ittra tiġi ppreżentata, il-proċedura provduta f'dan l-artikolu ma tibqax tapplika mingħajrpreġudizzju għall-jedd tal-kreditur li jkun jista' jippreżenta ittrauffiċjali oħra skont dan l-artikolu b'referenza għall-istess debitu.*

Din il-proċedura hija proċedura speċjali fejn il-leġislatur stipola b' mod ċar il-mod kif u meta din għandha tintuża kif ukoll il-mod kif tali ittra uffiċjali għandha tiġi kkontestata.

Mill-banda l-oħra, ir-rikors promotur jidher li ġie ppreżentatat ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 li jgħid:

*. 466.(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi*

*jewb'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekkawtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lildipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun iridjaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lilxi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xiliċenza jewdritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħumaħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwagħandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur ujikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukolljapplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikawmeta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittrareġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammontdovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġinotifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta'dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors lifih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

*(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikorsgħas-smiegħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.*

*(4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorjubħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra."*

Il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 hija waħda differenti għal dik stipolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, Victor Borg sostna li l-azzjoni kif istitwita minn ARMS Limited hija infondata għaliex s-soċjeta' intimata naqset li tipproċedi bl-att ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 466 . Ġie sostnut li l-argument issollevat mis-socjeta' intimata ma jreġix għaliex l-azzjoni mressqa mis-socjeta' intimata ġiet istitwita erronjament ai termini tal-Artikolu 166 A. Intqal li semmai ARMS Limited kellha taġixxi fil-konfront tar-rikorrenti in linea mal-Artikolu 466 tal-Kap 12 u mhux ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

Din il-Qorti qieset dawn l-argumenti. Madanakollu, dan ir-rikors odjern sar fl-atti tal-ittra uffiċjali 1683/2018 li ġiet ippreżentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. Għaldaqstant, biex tiġi kkontestata tali ittra uffiċjali kellha tiġi segwita l-procedura li tikkontempla l-Artikolu 166A tal-Kap 12 u mhux il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap 12.

Gialadarba, ma ġietx segwita l-proċedura delinjata fl-Artikolu 166A tal-Kap 12, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-argumenti l-ohra mqajjma fir-rikors ta' Victor Borg tat-2 ta' Ottubru 2018.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors ippreżentat minn Victor Borg fit-2 ta' Ottubru 2018, bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess Victor Borg.**

Maġistrat Simone Grech